MALTA

# BORD LI JIRREGOLA L-KERA

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2010

Rikors Numru. 41/2010

**Agnes Farrugia armla ta' Edward Farrugia (ID 232339M), Celine Farrugia (ID 552664M), Andre' Farrugia (ID 10167M) u Colette Crisp mart Steven Crisp (ID 327871M)**

**vs**

**John Hili u Bernard Hili**

Il-Bord;

Ra r-rikors guramentat tar-rikorrenti datat 6 t'April 2010 fejn hemm premess:

Illi r-rikorrenti jikru lill-intimati l-hanut seba mija u tletin (730) Saint Joseph, High Street, Hamrun bil-kera ta' €233 li jithallas kull sitt xhur quddiem bl-ahhar skadenza kienet fl-14 ta' Marzu 2010, liema kirja saret permezz ta' skrittura privata li kopja taghha qeghda tigi esebita u mmarkata Dok CF 1;

Illi l-fond imsemmi mhux qed jintuza, u ilu maghluq ghal zmien twil, liema non uzo jikkonstitwixxi tidbil fid-destinazzjoni tal-fond;

Illi l-intimati kienu juzaw dan il-hanut ghall-bejgh ta' frames li kienu jahdmu huma stess fl-istess hanut. Aktar minn ghoxrin sena ilu huma fethu hanut iehor bl-istess negozju ftit ta' distanza 'il boghod gewwa Santa Venera u sadanittant hallew dan il-hanut miftuh b'salesgirl sakemm din itterminawlha l-impieg taghha fil-bidu t'Awissu 2009, minn dakinhar il-hanut ma regax infetah, u mal-hgiega tal-bieb ta' barra hemm sinjal li meta il-hanut ikun maghluq wiehed jista' jirrikorri jew icempel fil-hanut il-gdid ta' Santa Venera. Minn meta fl-10 ta' Marzu 2010, ir-rikorrenti baghtu ittra ufficjali lill-intimandi, l-hantu inxteghel id-dawl darba wahda biss ghalkemm xorta wahda baqa' jinzamm maghluq;

Illi r-rikorrenti jiddikjaraw illi l-intimati m'ghandhomx eccezzjonijiet x'jaghtu ghat-talbiet tar-rikorrenti, u ghalhekk il-kawza tista' tigi deciza ai termini tal-artikolu 16A tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta bid-dispenza tas-smiegh;

Jghidu ghalhekk l-intimati ghalfejn dan l-Onorabbli Borg m'ghandux:

1. Jaqta' u jiddeciedi l-kawza ai termini ta' l-artikolu 16A tal-Kap 69 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe' bid=dispens ghas-smiegh tal-kawza;

2. Jiddikjara li l-intimati naqsu mill-obbligi taghha naxxenti mill-ftehim tal-kiri stante li biddlu d-destinazzjoni tal-fond lilhom mikri;

3. Jawtorizza ir-rikorrenti li ma jgeddux il-lokazzjoni fi tmiem tal-perjodu kurrenti ta' rilokazzjoni u jirriprendu l-pussess tal-fond 730, High Street, Hamrun u ghall-finijiet tal-izgumbrament jipprefiggi lill-intimat terminu qasir u perentorju;

Bl-ispejjes kontra l-intimat;

Ra illi l-intimat kien debitament notifikat bir-rikors promutur kif ukoll bl-avviz tas-smiegh.

Ra l-verbal tas-seduta tal-24 ta' Marzu, 2010, fejn il-Bord, wara li semgha lill-partijiet iddecieda li ma kien hemm ebda raguni ghaliex m'ghandux jipprocedi biex jiddeciedi l-kawza bid-dispensa tas-smiegh skond l-artikolu 16A tal-Kap 69;

Ikkonsidra:

Illi wara l ezamina  r-rikors guramentat u semgha bil-gurament lir-rikorrenti Celine Farrugia tiddikjara illi ma kien ebda kambjament mill-prezentata tar-rikors sal-lum;

Peress illi fic-cirkostanzi t-talba kif dedotta fir-rikors tidher gustifikata u jidher ukoll li hemm lok li s-sentenza tinghata bid-dispensa tas-smigh tal-kawza a tenur tal-artikolu 16A tal-Kap 69;

Ghalhekk ghal dawn il-motivi, dan il-Bord jaqta' u jiddeciedi billi jilqa' t-talbiet tar-rikorrenti nomine kif ravvizati fir-rikors promutorju u jawtorizzahom jirriprendu l-fond de quo fi zmien xahar (1) mil-lum waqt liema zmien l-intimat ghandu jizgombra u jhallih vakanti ghal-libera ripresa mir-rikorrenti.

Bl-ispejjez kontra l-intimat

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------